# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**Aġent President**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 23 ta' Jannar, 2025.**

**Numru 1**

**Rikors numru 66/23/1 JVC**

**Andrew Mangion**

**v.**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija; L-Avukat Ġenerali; u l-Avukat tal-Istat**

1. B'din is-sentenza l-Qorti ser tiddeċiedi l-appell tal-attur mis-sentenza li tat il-Qorti Ċivili, Prim'Awla fit-30 ta' April, 2024.

2. L-attur jinsab akkużat bl-omiċidju ta' martu f'Lulju 2016. Jirriżulta li għalkemm kienu jgħixu fl-istess residenza kienu ilhom separati *de facto*. F'Lulju 2016 l-attur tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja akkużat bl-omiċidju ta' martu. Wara xi erba' snin

f'detenzjoni, kien ingħata l-ħelsien mill-arrest. Meta ħareġ l-att tal-akkuża kontrih, l-attur kien *inter alia* ta l-eċċezzjoni li l-istqarrija li kien ħalla mal-Pulizija waqt l-interrogazzjoni mhijiex ammissibbli għaliex ma kienx assistit minn avukat. B'sentenza tad-29 ta' Lulju 2021 il-Qorti Kriminali laqgħet dik l-eċċezzjoni u ordnat l-isfilz tal-istqarrija. L-Avukat Ġeneral appella u b'sentenza tal-4 ta' Mejju 2022, il-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet l-appell. Wara l-attur ippreżenta rikors fil-Qorti Kriminali u talab li l-istqarrija terġa' tiddaħħal bħala prova fl-atti tal-proċeduri kriminali. B'digriet tal-11 ta' Novembru, 2022 il-Qorti Kriminali ddikjarat li ma kinitx ser tqis ir-rikors peress li diġà kien hemm sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ordnat it-tneħħija tal-istqarrija. Kompliet li ġaladarba ngħatat sentenza, ma jistax ikun hemm rinunzja dwar l-eċċezzjoni.

3. Fit-13 ta' Frar 2023 l-attur fetaħ din il-kawża u ilmenta minn ksur tal-jedd għal smigħ xieraq (l-Art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-Art. 6 tal-Konvenzjoni) minħabba li:-

i. Id-digriet tal-11 ta' Novembru 2022 jipprekludih milli jippreżenta l-istqarrija li ta lill-pulizija, u li fil-fehma tiegħu ssaħħaħ il-linja difensjonali tiegħu;

ii. Provi ta' *printouts* ta' *posts* minn *account* ta' *Facebook* ta' individwu partikolari, ma ġewx elevati u ppreżervati u lanqas ma ġew investigati

u ppreżentati bħala prova. L-istess dwar *videos* reġistrati bis-sistema ta' CCTV fiż-żona;

iii. L-istampa Maltija rraportat dwar l-allegat involviment tiegħu fil-qtil ta' martu, u l-Istat m'għamel xejn. Dan wassal biex l-attur ġie ddikjarat li hu l-qattiel ta' martu meta l-proċess kriminali għadu għaddej.

4. Għalhekk l-attur talab lill-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li d-digriet tal-11 ta' Novembru 2022 jilledi l-jedd tal-attur għal smigħ xieraq;

2. Tiddikjara li n-nuqqas tal-istat illi jrażżan il-pubbliċità li ngħata lil dan il-każ jilledi l-jedd tal-attur għal smigħ xieraq;

3. Tiddikjara li l-mod kif saret l-investigazzjoni u l-proċeduri kriminali mmexxija mill-Istat jilledi l-jedd tal-attur għal smigħ xieraq;

4. Tagħti rimedji, inkluż billi tordna l-waqfien tal-proċeduri kriminali kontra l-attur.

5. B'risposta ppreżentata fis-17 ta' Marzu 2023 il-konvenuti wieġbu li:

1. Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali tħarrku inutilment u għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

2. L-azzjoni tal-attur hi intempestiva ġaladarba l-proċeduri kriminali għadhom ma ngħalqux. Għalhekk il-Qorti għandha tapplika l-Art. 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-Art. 4(2) tal-Kap. 319.

3. Għall-finijiet tal-jedd fundamentali ta' smigħ xieraq, għandu jsir eżami tal-proċess kriminali kollu kemm hu.

4. Il-pubblikazzjoni ta' artikoli fil-*media* ma twaqqax il-preżunzjoni tal-innoċenza.

5. Għal dak li jikkonċerna l-investigazzjoni, l-oneru tal-prova qiegħed fuq l-attur. Minbarra dan, m'hemm xejn x'iżommu milli jitlob provi li jqis li huma utli għad-difiża tiegħu. F'kull każ il-konvenuti jiċħdu li abdikaw minn dmirijithom u ġabu biss provi li jaqblilhom.

6. L-attur m'għandux jedd li jimpunja d-diskrezzjoni tal-pulizija u tal-Avukat Ġenerali għal dak li għandu x'jaqsam mal-jedd fundamentali ta' smigħ xieraq għaliex mhumiex qorti.

7. L-attur ma sofra l-ebda ksur ta' jedd fundamentali u għalhekk m'għandu jingħata l-ebda rimedju.

6. B'sentenza tat-30 ta' April, 2024 l-Ewwel Qorti ddeċidiet:

> *"Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha suesposti il-Qorti tgħaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-ilment kostituzzjonali odjern kif isegwi:*
>
> *1. Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati dwar il-leġittimu kontradittur;*
>
> *2. Tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-intimati dwar l-intempestività fir-rigward tat-tieni u t-tielet talba tar-rikorrent b'dana li tiddikjara t-tieni u t-tielet talba bħala intempestivi u tgħaddi sabiex tiċħadhom filwaqt li tiċħad it-tieni eċċezzjoni fir-rigward tal-ewwel u per conseguenza r-raba' talba tar-rikorrent;*
>
> *3. Tilqa' l-bqija tar-risposta tal-intimati sakemm din hija kompatibbli ma' dak hawn deċiż fil-konfront tal-ewwel talba tar-rikorrent, konsegwentement tgħaddi sabiex tiċħad l-ewwel talba tar-rikorrent stante li tqis li ma ġietx ppruvata leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent akkużat kif sanċiti permezz tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea riżultat tad-digriet tal-Qorti Kriminali tal-11 ta' Novembru, 2022;*
>
> *4. Konsegwentement stante li ma hemm l-ebda rimedju li jrid jingħata tgħaddi sabiex tiċħad ukoll ir-raba' talba tar-rikorrent.*
>
> *Bl-ispejjeż kollha kontra l-istess rikorrent ħlief għall-eċċezzjoni dwar il-leġittimu kontradittur li għandha tibqa' bla taxxa bejn il-partijiet in vista li l-korrezzjonijiet fir-rigward fir-rikors promotorju saru wara li ġie appuntu intavolat ir-rikors".*

7. Ir-raġunament tal-Ewwel Qorti fir-rigward ta' dak li talab l-attur, hu dan:

> "***Intempestività tal-proċeduri:-***
>
> *Illi sabiex din il-Qorti tkun tista' tanalizza din l-eċċezzjoni tal-intimati jeħtieġ li l-lanjanzi tar-rikorrenti jiġu analizzati b'mod separat:*
>
> *(i)Fl-ewwel lok ir-rikorrent qed jilmenta minn digriet li permezz tiegħu l-Qorti Kriminali ċaħdet it-talba tiegħu sabiex l-istqarrija mogħtija*

*minnu lill-Pulizija, li kienet ġiet dikjarata li ttieħdet bi ksur tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq kemm mill-Qorti Kriminali kif ukoll mill-Appell fuq talba tiegħu stess, terġa' tidħol fl-atti bħala prova għaliex isostni li fiha ma hemm xejn li jinkrimina lilu għall-omiċidju.*

*Illi f'dan il-kuntest il-Qorti rat li fl-atti r-rikorrent jallega li hu qatt ma ried li l-istqarrija tiegħu tiġi sfilzata u informa b'dan lill-Avukat tiegħu. Skont hu l-Avukat tiegħu xorta waħda baqa' għaddej bit-talba sabiex dan jiġi sfilzat stante li ttieħed bi ksur tad-dritttijiet fundamentali tar-rikorrent. Din it-talba ġiet milqugħa u konfermata fl-appell. Jgħid li meta huwa qal lill-Avukat li hu ma riedx li jiġi sfilzat l-Avukat qallu li xejn ma kien iżommu li jerġa' jippreżentah fl-atti. Fil-frattemp ir-rikorrent bidel l-Avukat u preżenta talba lill-Qorti Kriminali sabiex tordna li l-istqarrija terġa' tidħol fl-atti, għal-liema talba l-Avukat Ġenerali ma oġġezzjonax, iżda din ġiet miċħuda mill-Qorti Kriminali għar-raġuni li d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell dwar l-isfilz tal-istess stqarrija kienet res judicata. F'dan il-kuntest ir-rikorrent isostni li n-nuqqas tal-istqarrija tiegħu mill-atti kriminali jista' jkun ta' preġudizzju għalih bi ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu.*

*Illi din il-Qorti fil-kuntest ta' din l-istqarrija u l-pretensjoni tar-rikorrent li n-nuqqas tagħha fl-atti jista' jkun ta' preġudizzju għalih u bi ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu tqis li ladarba hu ġa not li l-istqarrija ġiet sfilzata u li l-Qorti ċaħdet li din tiġi reinserita allura t-talba tar-rikorrent quddiem din il-Qorti fir-rigward ma tistax titiqies bħala intempestiva. Anzi l-Qorti tqis li r-riżoluzzjoni ta' dan in-nuqqas ta' qbil f'dan l-istadju hija neċessarja għat-tkomplija tal-proċeduri kriminali għaliex jew l-istqarrija ser tidħol jew le. Dan kollu ma jfissirx li din il-Qorti qed tagħti raġun lir-rikorrent dwar dan l-ilment f'dan l-istadju iżda sempliċement li qed tqis li t-talba mhijiex waħda intempestiva.*

*(ii) Fit-tieni lok ir-rikorrent isostni li n-nuqqas tal-Istat li jrażżan il-'pre-trial' publicity relatat mal-każ tiegħu ser jinfluwenza l-ġurija meta l-każ jasal għall-ġuri b'dana li skont hu mhux ser ikollu smigħ xieraq. Fis-sottomissjonijiet tiegħu r-rikorrent isostni li n-nuqqas tal-Istat kif allegat qiegħed iħalli effett irrimedjabbli fuq il-proċeduri fil-konfront tar-rikorrent.*

*Illi f'dan ir-rigward l-intimati jsostnu li r-rikorrent ma eżawriex ir-rimedji ordinarji u ma ressaq l-ebda ilment mal-mezzi tal-media iżda qed jippretendi li din il-Qorti tieħu azzjoni għaliex skont hu l-iStat naqas milli jieħu azzjoni sabiex irażżan il-Media dwar il-każ tiegħu.*

*Illi din il-Qorti fehmet li r-rikorrent f'dan l-ilment qed isostni li in vista ta' dak li ingħad tul is-snin f'ċertu ċirkostanzi dwaru u dwar il-każ fil-Media inkluż gazzetti, televiżjoni u mezzi soċjali, il-ġurati li ser ikunu mgħajta sabiex jiddeċiedu l-każ tiegħu bilfors ser ikunu influwenzati kontra tiegħu. Illi iżda huwa ċar għal din il-Qorti li dak li r-rikorrent irid lil din il-Qorti tiddeċiedi taħt dan l-ilment huwa xi ħaġa ipotetika li tista' sseħħ jew ma sseħħx fil-futur. F'dan l-istadju tal-proċeduri fejn il-każ għadu*

*lanqas wasal fl-istadju tal-ġuri, din il-Qorti ma tista' tagħmel l-ebda spekulazzjoni dwar min ser ikunu l-ġurija fil-ġuri inkwistjoni, x'influwenza jista' jkollhom jew le dwar il-każ u allegazzjonijiet oħra mir-rikorrent fil-konfront tal-istess. Li hu ċert huwa li l-liġi tipprovdi mezzi sabiex issir għażla ta' ġurati ġusta f'liema proċess ikunu wkoll involuti l-avukati tal-partijiet u tipprovdi wkoll sabiex l-imħallef li jippresedi l-ġuri jidderiġi l-ġurija dwar x'għandu jittieħed inkonsiderazzjoni skont il-liġi sabiex jaslu għad-deċiżjoni tagħhom inkluż li m'għandhomx iħallu l-Media tinfluwenza l-ġudizzju tagħhom u li għandhom jieħdu kont tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tal-provi fl-atti u xejn aktar. Kif ġa sostnut minn din il-Qorti għalhekk huwa ċar li r-rikorrent f'dan l-istadju qed jitlob li din il-qorti tagħmel ipoteżi dwar kif ser jimxi l-ġuri fil-konfront tiegħu u tieħu deċiżjoni dwar materja ta' drittijiet fundamentali dwar l-istess. Dan juri kemm verament din it-talba tar-rikorrent hija waħda intempestiva għall-aħħar u kien ikun aktar f'lokha wara li jkun ġie ċelebrat il-ġuri u l-Qorti jkollha t-totalità tal-atti quddiemha. Il-Qorti għalhekk f'dan ir-rigward ser tgħaddi sabiex tilqa' l-eċċezzjoni tal-intimati dwar l-intempestività għal dik li hi t-tieni talba tar-rikorrent.*

*(iii) Illi permezz tat-tielet talba tiegħu l-intimat jallega nuqqasijiet fl-investigazzjonijiet u fil-proċeduri kirminali fejn isostni li huwa talab li jittellgħu ċertu provi u li jiġu investigati persuni oħra li setgħu wettqu l-qtil u dan ma sarx.*

*L-intimati f'dan ir-rigward isostnu li mhux xogħol il-Qorti b'kompetenza Kostituzzjonali jew Konvenzjonali li tistħarreġ il-mertu u l-mod kif xi qorti oħra għandha tiżen l-evidenza li nġiebet quddiemha u dan taħt l-iskuża li b'hekk qed jitħares il-jedd ta' smigħ xieraq.*

*Illi din il-Qorti rat li fl-atti r-rikorrent xehed diversi drabi u preżenta bosta dokumentazzjoni li permezz tagħha huwa esprima n-nuqqas ta' qbil tiegħu ma ċertu xhieda u dwar kif tressqet ċertu xhieda. Huwa ċar li r-rikorrent irid li din il-Qorti tidħol hi f'analiżi tal-provi mressqa fil-proċeduri kriminali u tagħti hi deċiżjoni dwar jekk il-provi mressqa fil-konfront tiegħu humiex adegwati jew le, saħansitra li ma kellhomx iwasslu għal digriet prima facie u li l-eċċezzjonijiet tiegħu fil-proċeduri kriminali kellhom jiġu milqugħa u dan fi stadju fejn il-proċeduri kriminali għadhom pendenti, fejn il-ġuri għadu lanqas beda jiġi ċelebrat u fi stadju fejn l-istess rikorrent akkużat għad għandu kull opportunità u dritt fil-liġi li jitlob li jittellgħu provi li skontu jgħinuh sabiex isostnu l-innoċenza tiegħu.*

*Għalhekk in vista li t-tielet t-talba tar-rikorrent qed issir meta l-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu għadhom mhux konklużi kif fuq spjegat, din il-Qorti tqis li l-intimati għandhom raġun isostnu anki f'dan il-każ li l-ilment tar-rikorrent f'dan l-istadju huwa intempestiv għaliex il-ksur tal-jedd tas-smigħ xieraq għandu jiġi analizzat fl-ambitu tat-totalità tal-proċeduri kollha u mhux parti b'dana li anki fir-rigward ta'*

*din it-tielet talba l-Qorti ser tgħaddi sabiex tilqa' l-eċċezzjoni tal-intempestivà.*

***L-ewwel talba relatata mal-isfilz u t-talba għar-reinseriment tal-istqarrija tar-rikorrent fl-atti kriminali:***

*Illi stante li din il-Qorti ġa ċaħdet it-tieni u t-tielet talba abbazi tal-eċċezzjoni tal-intempestività jonqos li din il-Qorti tagħmel eżami fil-mertu tal-ilment kif joħroġ mill-ewwel talba tar-rikorrent.*

*Illi l-ewwel talba tar-rikorrent taqra kif isegwi:*

> *"Tiddikjara li d-digriet tal-Qorti Kriminali tal-11 ta' Novembru jilledi dritt fundamental tal-akkużat sanċit permezz tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-konvenzjoni Ewropea."*

*Illi bħala fatti jirriżulta li f'Lulju, 2016 ir-rikorrent ġie arrestat fuq suspett kien involut fil-qtil ta' Eleanor Mangion Walker, mart ir-rikorrent, li dak iż-żmien kienu fi proċeduri ta' separazzjoni personali bejniethom. Jirriżulta li waqt li kien arrestat ir-rikorrent irrilaxxa stqarrija mal-Pulizija. Dak iż-żmien skont il-liġi viġenti ir-rikorrent seta' jikkonsulta ma' avukat qabel it-teħid tal-istqarrija iżda ma setax ikun assistit minn avukat waqt it-teħid tal-istqarrija. Konsegwentement ir-rikorrent ġie mressaq mixli bil-qtil ta' Eleanor Mangion Walker. Wara li fis-sena 2021 inħarġet l-att ta' akkuża fil-konfront tar-rikorrent, ir-rikorrent ressaq diversi eċċezzjonijiet fosthom eċċezzjoni li permezz tagħha sostna li l-istqarrija kienet inammissibbli għaliex fil-kors tal-interrogatorju huwa ma kellux assistenza legali. Permezz ta' sentenza datata d-29 ta' Lulju, 2021 il-Qorti Kriminali laqgħet din l-eċċezzjoni tar-rikorrent u ddikjarat li l-istqarrija rilaxxata mir-rikorrent kienet inammissibbli bħala prova u ordnat l-isfilz tagħha. L-Avukat Ġenerali appella mid-deċiżjoni iżda l-Qorti tal-Appell Kriminali kkonfermat is-sentenza appellata b'sentenza tal-4 ta' Mejju, 2022.*

*Illi jirriżulta li konsegwentement nhar it-13 ta' Settembru, 2022 ir-rikorrent talab li l-istqarrija tiegħu terġa' tiġi reinserita fil-proċess. L-Avukat Ġenerali wieġbet li kienet qed tirrimetti ruħha għad-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali. Il-Qorti Kriminali permezz ta' digriet datat il-11 ta' Novembru, 2022 ddekretat kif isegwi:*

> *"Il-Qorti,*
>
> *Rat ir-rikors;*
>
> *Stante li l-mertu tar-rikors ġa hu eżawrit permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Sede Superjuri;*
>
> *Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu stante li dan l-att illum ma jistax jiġi sfilzat u lanqas ma jista' jkun hemm rinunzja għall-eċċezzjoni stante li ġa ġiet trattata u deċiża."*

*Konsegwentement ir-rikorrent preżenta l-każ odjern fejn jallega li d-digriet tal-Qorti Kriminali jwassal għal ksur tal-dritt tiegħu għal smigħ xieraq.*

*Dwar din it-talba r-rikorrent fis-sottomissonijiet tiegħu jsostni kif isegwi:*

> *"3.5.1. Dwar l-ewwel raġuni, l-esponenti jissottometti bir-rispett illi mill-provi miġjuba in atti jirriżulta sal-grad ta' bilanċ ta' probabbiltajiet u iktar, li dan l-aggravju huwa ben fondat.*
>
> *3.5.2. Dan ghaliex filwaqt li r-rikorrenti irid din l-istqarrija tidħol lura fl-atti proċesswali, l-intimati opponew għal dan iżda ma taw ebda raġuni għaliex tali stqarrija għandha titħalla barra għajr li dik il-kwistjoni hija res judicata. La ġabu argumenti u wisq anqas provi dwar xi raġuni impellenti għaliex dik l-istqarrija għandha titħalla barra ħlief li din il-kwistjoni hija deċiża b'sentenza tal-Qorti Kriminali kkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali.*
>
> *3.5.3. Issa huwa minnu li l-liġi proċedurali hija materja ta' ordni pubbliku li minnha ma hemmx deroga langas bi qbil bejn il-partijiet. Iżda meta akkużat irid iressaq prova partikolari biex jiddefendi ruħu minn akkuża kriminali, u n-naħa l-oħra qiegħda topponi, il-kwistjoni ma tibqax sempliċement waħda ta' ordni pubbliku iżda tiġi elevata għal waħda ta' rispett lejn id-drittijiet fundamentali tal-bniedem. U n-natura fundamentali ta' dawn id-drittijiet u l-fatt li dawn jemanu kemm mill-Kostituzzioni ta' Malta u kif ukoll mid-dritt pubbliku internazzionali kif intqal gabel, ifisser illi fi kwalunkwe ċirkostanza ta' kunflitt bejn ordni pubbliku u dritt fundamentali tal-bniedem, id-drittijiet fundamentali tal-bniedem għandhom jipprevalu.*
>
> *3.5.4. U ġaladarba r-rikorrenti esprima l-fehma tiegħu li għalih, id-dħul mill-ġdid tal-istqarrija fl-atti proċesswali hija kwistjoni ta' smigħ xieraq meħtieġa sabiex jiddefendi ruħu mill-akkużi, allura dan m'għandux jiġi imċaħħad milli jagħmel dan.*
>
> *3.5.5. Iktar u iktar meta donnu hemm preferenza, jekk mhux addirittura, qbil, bejn il-prosekuzzjoni u l-akkużat li din l-istqarrija għandha tkun fl-atti proċesswali.*
>
> *3.5.6. L-istqarrija in disamina hija meqjusa mill-esponenti (bħala persuna akkużata b'diversi reati kriminali) bħala prova importanti fid-difiża tiegħu. Għaldaqstant iċ-ċaħda da parte tal-intimati li jippreżentaw din il-prova timpinġi direttament fuq l-essenza tad-dritt tiegħu ta' difiża. U l-argumenti mressqa mill-intimati biex dan ma jsirx, minħabba li l-kwistjoni hija res judicata u minħabba li hawn si tratta minn "liġi proċedurali" ma jreġġux. Filwaqt li hu aċċettat li l-liġi proċedurali hija kwistjoni ta' ordni pubbliku u għaldaqstant ma hemmx deroga minnha, lanqas bi qbil bejn il-partijiet, l-esponenti jissottometti bir-rispett illi meta din il-liġi proċedurali tiġi applikata b'mod li jikkontradixxi dritt fundamentali tal-bniedem, għandha tipprevali din tat-tieni u mhux tal-ewwel. Dan ukoll għaliex id-drittijiet fundamentali tal-bniedem, b'differenza mil-liġijiet proċedurali, jemanu kemm mid-dritt pubbliku internazzjonali u kif ukoll mill-Kostituzzjoni ta' Malta. U*

> *bir-raġun. B'liema mod id-dritt ta' smigħ xieraq jista' jitqies bħala fundamentali, jekk mhux għax jipprevali kull meta qiegħed jiġi limitat?"*

*L-intimati da parti tagħhom, fl-ewwel lok jagħmluha ċara li huma ma għandhom l-ebda interess li din l-istqarrija ma tkunx fl-atti iżda jsostnu li ma għandhom'x għażla ħlief li jbaxxu rashom għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ormai hija ġudikat. Iżidu li l-verżjoni tar-rikorrent hi li hu dejjem insista mal-Avukat tiegħu li l-istqarrija kellha tibqa' fl-atti filwaqt li l-Avukat tiegħu għamel mod ieħor. Fl-atti odjerni l-verżjoni tal-avukat ma tressqitx bħala prova. L-intimati jsostnu li r-rikorrent ma jistax jippretendi li hu eżentat milli jsegwi l-proċedura jew li jobdi dak li hu res judicata sempliċement għaliex irid ibiddel l-istrateġija legali tiegħu għaliex 'il-jedd fundamentali għal smigħ xieraq ma jissarrafx f'jedd li wieħed jagħmel li jrid biex iressaq il-każ tiegħu.'*

*L-intimati jsostnu ulterjorment li bl-ebda mod ma ġie ppruvat kif l-isfliz tal-istaqrrija kkawżat xi preġudizzju irreparabbli għar-rikorrent u jżidu li jekk ir-rikorrent hu daqshekk determinat li l-verżjoni tiegħu dwar dak li seħħ għandha tinġieb quddiem il-ġuri huwa ser ikollu kull opportunità li jitla' fuq il-pedana tax-xhieda u jixhed dwar dan, apparti li jtella' l-provi kollha sabiex jikkorroboraw il-verżjoni tiegħu.*

*Illi din il-Qorti tifhem li l-Qorti Kriminali proċeduralment u legament ma kellha l-ebda triq oħra għajr li tiċħad it-talba tar-rikorrent sabiex l-istqarrija tar-rikorrent terġa' tidħol tifforma parti bħala prova tal-prosekuzzjoni. Ladarba din l-istqarrija ġiet ddikjarata li ttieħdet bi ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti allura li kieku din terga' tidħol bħala prova tal-prosekuzzjoni jinħoloq ċirku vizzjuż fejn din xorta waħda tibqa' bi ksur tad-drittijiet tar-rikorrent b'dana li l-proċeduri kontra tiegħu ma jkunux jistgħu legalment jiprosegwu jew b'xi mod dejjem ikunu kkunsidrati bħal vizzjati.*

*Illi min-naħa l-oħra, din il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mill-intimati li xejn ma jżomm lir-rikorrent akkużat li fl-istadju tal-provi tiegħu fil-ġuri, jixhed u jagħti l-verżjoni tiegħu lill-ġuri dwar kif seħħew il-fatti tal-każ. Din il-Qorti tqis ukoll li f'dak l-istadju tal-provi tiegħu xejn ma jżomm lir-rikorrent li jesebixxi hu stess u jgħaddi lill-ġurija kopja tal-istqarrija buona volontà tiegħu. Dan għaliex f'dak l-istadju ma jkunx hemm il-problema li l-prova (vizzjata bi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent) tressqet mill-prosekuzzjoni kontra l-akkużat iżda jkun l-akkużat stess li għażel li jressaqha hu bħala prova tiegħu fejn evidentement f'dak l-istadju ma jistax hu stess jikser id-drittijiet fundamentali tiegħu. Għalhekk huwa ċar lil din il-Qorti li r-rikorrent, stante li għad għandu l-jedd fil-liġi kemm li jagħti l-verżjoni tiegħu kif seħħew l-avvenimenti tal-każ in disamina u li jressaq il-provi kollha li jqis utli ghalih sabiex jipprova l-innoċenza tiegħu, inkluż li hu stess iressaq l-istqarrija għall-eżami tal-ġurati, tqis li bid-digriet tagħha l-Qorti Kriminali ma wasslitx għall-ksur tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq. In vista ta' dan din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tiċħad ukoll l-ewwel talba tar-rikorrent.*

> *In vista li r-raba' talba hija konsegwenzjali għall-ewwel tliet talbiet u stante li din il-Qorti, għar-raġunijiet suesposti, ser tgħaddi sabiex tiċħad l-ewwel tliet talbiet, konsegwentement ladarba ma hemm l-ebda rimedju li din il-Qorti trid tagħti lir-rikorrent, ser tgħaddi sabiex tiċħad ukoll ir-raba' talba".*

8. Fl-20 ta' Mejju 2024 l-attur appella mis-sentenza, filwaqt li l-konvenuti wieġbu fit-28 ta' Mejju 2024.

*Pre-trial publicity*.

9. L-ewwel ilment tal-attur jikkonċerna dak li jirreferi għalih bħala *adverse pre-trial publicity*.

10. Din il-Qorti hi tal-fehma li l-Ewwel Qorti setgħet tikkunsidra dak l-ilment fil-mertu. Mhemmx għal fejn li wieħed jistenna l-konklużjoni tal-proċeduri kriminali biex jistħarreġ ilment bħal dak, għalkemm wara t-tmiem tal-proċeduri kriminali wieħed ikun f'pożizzjoni aħjar li jistħarreġ jekk dik il-pubbliċità ppreġudikatx b'mod irrimedjabbli l-preżunzjoni tal-innoċenza tal-attur. Jedd li hu wieħed mill-elementi tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq. Però min-naħa l-oħra mhux eskluż li qabel isir il-ġuri, xi punt proċedurali jkun tant deċiżiv li jkun jolqot fi stadju bikri l-*fairness* tal-proċess kriminali (ara f'dan ir-rigward sentenza tal-QEDB fil-każ *Malta v. Arrigo et*, numru 6569/04 tal-10 ta' Mejju, 2005).

11. L-ilment tal-attur hu dwar dak li ġara s'issa. L-attur ippreżenta ftit estratti minn gazzetti sabiex jagħti prova ta' dak li qiegħed jgħid (fol. 498-507), u għamel ukoll referenza għal oħrajn.

12. Fis-sentenza _Tadic v. Croatia_ tat-28 ta' Novembru 2023, il-QEDB qalet hekk:

> *"102. The Court reiterates that, in certain situations, a virulent media campaign can adversely affect the fairness of a trial and involve the State's responsibility. This is so with regard to both the impartiality of courts under Article 6 § 1, and the presumption of innocence embodied in Article 6 § 2 (see Paulikas, cited above, § 57). At the same time, the Court notes that press coverage of current events is an exercise of freedom of expression, guaranteed by Article 10 of the Convention. If there is a virulent press campaign surrounding a trial, what is decisive is not the subjective apprehensions of the suspect concerning the absence of prejudice required of the trial courts, however understandable, but whether, given the particular circumstances of the case, his or her fears can be held to be objectively justified (see Butkevičius v. Lithuania (dec.), no. 48297/99, 28 November 2000, and G.C.P. v. Romania, no. 20899/03, § 46, 20 December 2011).*
>
> *103. The Court also reiterates that a fair trial can still be held after intensive adverse publicity. In a democracy, high-profile criminal cases will inevitably attract comment by the media; however, that cannot mean that any media comment whatsoever will inevitably prejudice a defendant's right to a fair trial – otherwise the greater the notoriety of a crime, the less likely that its perpetrators will be tried and convicted. The Court's approach has been to examine whether there are sufficient safeguards to ensure that the proceedings as a whole are fair. It will require cogent evidence that concerns about the impartiality of judges are objectively justified before any breach of Article 6 § 1 can be found (see Craxi, cited above, §§ 99 and 103, and Mustafa (Abu Hamza) v. the United Kingdom (dec.), no. 31411/07, § 39, 18 January 2011, and the cases cited therein).*
>
> *104. The Court has previously identified some of the factors relevant to its assessment of the impact of a media campaign on the fairness of a trial. Such factors include the time that has elapsed between the press campaign and the commencement of the trial (and notably the determination of the trial court's composition); whether the impugned publications were attributable to, or informed by, the*

*authorities; and whether the publications influenced the judges and thus prejudiced the outcome of the proceedings (see Sutyagin v. Russia (dec.), no. 30024/02, and Beggs v. the United Kingdom (dec.), no. 15499/10, § 124, 16 October 2012). Furthermore, national courts – which are entirely composed of professional judges – generally possess, unlike members of a jury, appropriate experience and training, which enables them to resist any outside influence (see Craxi, cited above, § 104, and Mircea v. Romania, no. 41250/02, § 75, 29 March 2007)".*

13. L-attur jilmenta li l-Istat m'għamel xejn biex *"irażżan il-pre-trial publicity"*, għalkemm ma qalx x'jippretendi li kellu jagħmel. Mill-provi lanqas ma rriżulta li f'xi stadju tal-kompilazzjoni l-attur kien għamel talba lill-Qorti sabiex tagħti ordni dwar ir-rapurtaġġ ta' dak li kien għaddej waqt il-kumpilazzjoni. Wieħed jistenna wkoll li l-*media* kienet ser tirrapporta l-omiċidju ta' omm ta' tifla żgħira u s-sejbien tal-katavru f'garaxx.

14. Fl-affidavit l-attur għamel referenza għall-artikoli pubblikati *online* u f'gazzetti. Hemm tliet artikli (fol. 272 u 278) li fihom wieħed jista' jargumenta li jagħtu lill-qarrej x'jifhem li l-qattiel hu l-attur. Hekk per eżempju fl-ewwel wieħed pubblikat fit-8 ta' Frar 2020 fit-Times of Malta jiddeskrivi lill-vittma bħala *"Femicide victim"*. F'artiklu ieħor pubblikat fil-*website* Lovin Malta fil-15 ta' Settembru 2020 jingħad *"Mangion killed her in a Swieqi garage before disposing of her body in a Qormi warehouse"*. Madankollu, fl-istess artiklu jingħad li l-mejta kienet *"the victim of a shocking domestic violence crime allegedly carried out by her ex-husband Andrew Mangion"*. F'artiklu ieħor pubblikat fis-sit Lovin Malta fi Frar 2020, jissemmew ismijiet ta' nisa *"... who were murdered on the*

*island in domestic violence incidents over the years”*. Wieħed mill-ismijiet hu dak ta’ Eleanor.

15. Filwaqt li m’hemmx dubju li l-qtil ta’ omm ta’ tifla kien ixxokkja pajjiż, min-naħa l-oħra l-prudenza tal-*media* hi meħtieġa. Hawn ix-xogħol tal-editur hu importanti sabiex jiġi żgurat li r-rapportaġġ ma jippreġudikax il-preżunzjoni tal-innoċenza. Sfortunatament iktar ma jdum pendenti l-proċess kriminali, iktar ser ikun hemm l-opportunità ta’ kummenti fil-*media*, inkluż is-*social media*.

16. Madankollu, l-attur lanqas ma ressaq xi prova li kien hemm xi kampanja qalila kontrih fuq is-*social media*. Il-Qorti qrat ukoll artikoli oħra li għamel referenza għalihom l-attur, iżda fil-fehma tagħha dawn huma rapportaġġ ta’ dak li kien għaddej fil-Qorti waqt is-seduti tal-kompilazzjoni, li huma miftuħin għall-pubbliku. Dak hu l-istadju preliminari tal-proċess kriminali, bil-provi jerġgħu jinstemgħu waqt il-ġuri. Li l-attur hu akkużat bl-omiċidju ta’ martu hu fatt. Wieħed jistenna li meta tqis is-serjetà tar-reat u l-akkużi li hemm kontra l-attur, il-*media* ser tkun qiegħda ssegwi x’qiegħed jingħad fl-istadju tal-kumpilazzjoni u tirrapporta x’ikun intqal mix-xhieda. Hu fatt li lokalment fil-gazzetti u fil-mezzi tax-xandir jiġi rapportat b’mod estensiv dak li jkun għaddej fil-Qorti. Ħafna drabi jkunu aħbarijiet mill-Qorti li ftit li xejn ikollhom *news value* ta’ interess pubbliku. Madankollu,

ir-rapportaġġ ta' dak li jkun għaddej fi proċeduri kriminali fih innifsu ma jwassalx għall-ksur tal-preżunzjoni tal-innoċenza.

17. L-attur ippreżenta wkoll xi ritratti tiegħu u ta' martu li kienu ġew pubblikati fil-*media.* Dan ukoll ma jfissirx li l-preżunzjoni tal-innoċenza ġiet imxelfa (ara per eżempju sentenza tal-QEDB fl-ismijiet Y.*B & Others v. Turkey* tat-28 ta' Jannar 2005, paragrafu 47).

18. Fl-aħħar nett, l-attur ippreżenta CD b'erba' filmati relatati mal-każ u li xxandru snin ilu fuq stazzjonijiet tat-televixin. Il-Qorti rathom u tikkonkludi li l-ebda wieħed minn dawk il-filmati ma jwassalha biex tikkonkludi li l-attur ġie ttimbrat bħala ħati li qatel lil martu. Eżempju l-ewwel wieħed kien dwar is-sentenza li ngħatat mill-Qorti tal-Appell Kriminali li biha ċaħdet l-appell tal-Avukat Ġenerali, li laqgħet l-eċċezzjoni tal-attur biex l-istqarrija tiegħu titneħħa mill-atti tal-proċess kriminali. It-tieni filmat hu rapportaġġ dwar fejn instabet mejta l-vittma u li s-suspettat tal-qtil kien l-attur, it-talent li kellha l-vittma fl-arti u x'qal ir-raġel li kellha relazzjoni miegħu fiż-żmien tal-omiċidju. Filmat ieħor hu tal-MaltaToday fuq il-protesta li kienet saret dwar il-vjolenza fuq in-nisa, li tinkludi l-vjolenza domestika. Protesta li hu evidenti li saret snin twal ilu, ftit wara l-qtil ta' Eleanor. Waqt il-protesta ssemmew ismijiet ta' nisa li nqatlu, fosthom Eleanor. Però fl-ebda ħin ma jingħad li l-attur hu l-qattiel.

19. Il-Qorti tosserva wkoll li:

i. Fil-ġuri, l-Imħallef ser ikollu l-opportunità li jispjega lill-ġurati li huma l-Imħallfin tal-fatti fuq il-provi li jitressqu quddiemhom u mhux fuq dak li setgħu qraw fil-gazzetti jew xi kumment fis-*social media*. L-istess x'aktarx ser jinfurmahom li l-akkużat għandu favur tiegħu l-preżunzjoni tal-innoċenza.

ii. L-omiċidju seħħ fis-sena 2016. Għaddew diġà tmien snin u l-ġuri għadu ma seħħx, u l-Qorti mhijiex infurmata li ġiet iffissata data meta ser jibda. Il-pubblikazzjonijiet li għamel referenza għalihom l-attur kollha kienu ta' snin ilu. Mhemmx dubju li dak li ġie pubblikat tant snin ilu ikun tilef min-*news value* u min seta' qara l-kontenut mhux ser jibqa' jiftakar id-dettalji.

iii. Waqt il-ġuri ser jinstemgħu x-xhieda kollha, u l-ġurati ser jagħmlu l-apprezzament tal-fatti fuq il-provi li ser jitressqu quddiemhom. Rapporti f'gazzetti u mezzi tax-xandir li seta' kien hemm matul is-snin, mhux ser ikunu prova kontra l-attur inkwantu ma fihom l-ebda valur probatorju.

iv. Il-proċess kriminali ma jieqafx mal-verdett tal-ġurati u s-sentenza tal-Qorti Kriminali. Min jinstab ħati jista' jappella lill-Qorti tal-Appell Kriminali, preseduta minn tliet Imħallfin bi snin ta' esperjenza, li

għandhom it-taħriġ meħtieġ biex ma jiġux influwenzati minn dak li jingħad fil-*media*.

v. Ma jistax jingħad li f'dan il-każ kien hemm xi *virulent press campaign* kontra l-akkużat. Ir-rapportaġġ ta' dak li qiegħed jiġri fil-Qorti, inkluż x'qalu xhieda, huma aħbarijiet. L-istess pereżempju hu r-rapportaġġ li l-attur ingħata l-ħelsien mill-arrest f'każ ieħor fejn hu akkużat b'serq aggravat. Fl-ebda parti tar-rapport ma jingħad li l-attur qatel lil martu jew hu ħati ta' xi reat ieħor.

20. L-attur semma wkoll li l-Kamra tar-Rappreżentanti wkoll tqisu bħala ħati li wettaq l-omiċidju ta' martu. F'dan ir-rigward għamel referenza għal tweġiba li ngħatat fil-Parlament b'referenza għal domanda li għamlet deputat dwar kemm kien hemm persuni li għamlu rapport lill-Aġenzija Appoġġ dwar vjolenza domestika, u wara nqatlu (Dok. AMA1X a fol. 666). Tweġiba li ngħatat fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2023 mill-Ministru Michael Falzon u ovvjament tpoġġiet fuq il-mejda tal-Kamra tad-Deputati. Fiha tissemma wkoll Eleonor Mangion Walker. Però mill-atti ma jirriżultax li dak id-dokument ġie pubblikat. Anzi mit-tweġiba, jirriżulta li kull m'għamel il-Ministru hu li wieġeb għad-domanda billi qal li t-tagħrif mitlub hu *"... skont kif jidher fit-tabella t'hawn taħt"*. Mhemmx prova li t-tabella bit-tagħrif ġiet pubblikata fil-gazzetti.

21. Mill-provi li ressaq l-attur il-Qorti hi konvinta li ma jistax jingħad li kien hemm xi kampanja tal-medja li ser ikollha x'impatt negattiv fuq il-*fairness* tal-ġuri li għad irid isir.

*<u>It-tmexxija tal-investigazzjoni mill-pulizija</u>*.

22. L-attur jilmenta mis-sentenza appellata li ddeċidiet li l-ilment dwar kif tmexxiet l-investigazzjoni, b'mod partikolari l-provi dwar *posts* fuq *facebook* u filmati minn CCTV *cameras*, hu intempestiv. Jilmenta li l-Istat m'għamel xejn biex jaqdi l-obbligazzjoni pożittiva li jiżgura li l-investigazzjoni ssir kif suppost.

23. Hawn ukoll l-Ewwel Qorti ikkonkludiet li peress li l-ġuri għad irid isir, l-ilment hu intempestiv għaliex il-ksur għal jedd għal smigħ xieraq għandu jiġi kkunsidrat meta tqis it-totalità tal-proċess kriminali kollu u mhux f'parti minnu. Hawn ukoll din il-Qorti hi tal-fehma li japplika l-istess raġunament li għamlet dwar il-pubbliċità ta' qabel il-ġuri nnifsu. Jista' jkun hemm każijiet fejn ikunu ġraw affarijiet qabel il-ġuri li jwasslu lill-Qorti sabiex tikkonkludi li x'aktarx ser jinkiser il-jedd fundamentali għal smigħ xieraq. Dan qiegħed jingħad peress li kemm il-Kostituzzjoni u l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319) jipprospettaw l-għoti ta' rimedju fejn ikun inkiser, qiegħed jinkiser jew x'aktarx ser jinkiser jedd fundamentali.

24. Fil-kawża l-attur ippreżenta affidavit fejn qal li mill-bidu l-pulizija skartat kull possibbilità oħra dwar min seta' qatel lil martu. F'dan ir-rigward għamel referenza għal żewġ irġiel li jgħid li kellhom relazzjoni ma' martu u *posts* fil-*facebook*.

25. L-apprezzament tal-provi jsir fil-ġuri. Il-fatt li l-attur jipponta subgħajh lejn irġiel oħra li kellhom relazzjoni ma' martu, hi jekk xejn materja li titqajjem fil-ġuri. Jekk skontu l-messaġġi fuq *facebook* li għamlu terzi li kellhom relazzjoni mal-vittma, huma prova favur id-difiża tiegħu u jrid jagħmel argument, m'hemm xejn x'iżommu milli jressaqhom bħala prova. Dan dejjem jekk ma ressaqhomx diġà fil-kumpilazzjoni. Jirriżulta wkoll li dawn iż-żewġ irġiel kienu xehdu fil-kumpilazzjoni (ara fol. 474-497), u d-difensur tal-attur għamlilhom kontroeżami. Ma kien hemm xejn x'iżomm lill-attur milli jagħmlilhom domandi dwar il-*posts* li kienu għamlu fuq *facebook*. Irġiel li fil-ġuri suppost ser jixhdu għaliex ix-xhieda jixhdu *viva voce* quddiem il-ġurati, u li l-attur ser jerġa' jkollu l-opportunità li jagħmlilhom kontroeżami.

26. Fl-affidavit l-attur semma wkoll li martu kellha relazzjonijiet ma' rġiel oħra qabel l-aħħar żewġ *partners* tagħha, li però ma tressqux bħala xhieda mill-prosekuzzjoni. Jekk dan hu minnu ma jfissirx li dik hi prova li hemm nuqqas fl-investigazzjoni li qiegħda jew x'aktarx ser twassal biex l-attur ma jkollux smigħ xieraq. Apparti l-fatt li l-attur ma jidhirx li semma

ismiijet, ma jirriżultax li kien hemm xi ostaklu li jinkludihom fil-lista tax-xhieda tiegħu. L-istess dwar qassis li rrefera għalih fl-istess affidavit (fol. 72). Nies li l-attur ma identifikax min huma u ma qal xejn li b'xi mod jista' jtappan l-investigazzjoni.

27. Għal dak li jirrigwarda l-filmat minn CCTV *cameras* fl-akkwata fejn il-prosekuzzjoni tgħid li seħħ l-omiċidju, hemm id-depożizzjoni tal-uffiċjal tal-pulizija Keith Arnaud li mexxa l-investigazzjoni li ta verżjoni ferm differenti minn dik tal-attur. L-attur dejjem ser ikollu l-opportunità li jagħmel kontroeżamijiet, iressaq provi u jagħmel sottomissjonijiet, biex jirribatti l-akkużi li saru kontrih. Dak hu proċess li jsir f'ġuri li min-natura tiegħu hu *adversarial proceeding*.

28. Dan mhuwiex każ fejn pereżempju rriżulta li l-pulizija għandha f'idejha provi rilevanti li naqset milli tagħmel *disclosure* dwarhom lill-akkużat. Qalet sew l-Ewwel Qorti li ma tistax tagħmel l-apprezzament tal-provi li tressqu fil-kumpilazzjoni. Fil-Qorti Kriminali dak l-eżerċizzju ser isir fil-ġuri mill-ġurati, l-Imħallfin tal-fatti.

<u>L-istqarrija tal-attur lill-pulizija</u>.

29. Ilment ieħor tal-attur hu dwar id-digriet li l-Qorti Kriminali tat fil-11 ta' Novembru 2022, b'referenza għar-rikors tal-attur tas-7 ta' Novembru

2022. L-attur irid li l-istqarrija li ta lill-pulizija jużaha bħala prova minkejja li kien hu stess li oriġinarjament kien ikkontesta l-ammissibbiltà tagħha. Fir-raba' premessa tar-rikors promotur, l-attur qal:

> *"4. ..... l-akkużat irid li tali stqarrija terġa' tidħol fil-proċess tant illi fis-seduta tat-Tlieta, 13 ta' Settembru 2022, l-akkużat permezz tal-Avukat tiegħu talab illi nonostante s-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti Kriminali fid-29 ta' Lulju 2021 l-istqarrija rilaxxata mill-akkużat għandha tibqa' inserita fl-atti"*.

30. Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-attur iddikjara hekk (fol. 638):-

> *"3.5.9. L-esponenti ddikjara diversi drabi u saħansitra xehed anke f'din il-kawża li hu jrid li l-istqarrija tiegħu terġa' tidħol fil-proċess. Jaf perfettament illi l-konsegwenza ta' din l-għażla hi li jekk din l-istqarrija terġa' tidħol fil-proċess, jekk u meta jiġi ċċelebrat il-ġuri, din ser tintwera lill-ġurati u ser jifluha u li ser jibbażaw il-verdett tagħhom, abbażi tagħha wkoll. L-esponenti mhux biss jaf b'din il-konsegwenza, iżda din il-konsegwenza hija proprju r-raġuni għaliex irid li din l-istqarrija terġa' tidħol fil-proċess"*.

31. Waħda mill-eċċezzjonijiet tal-attur kienet dik tal-inammissibbiltà tal-istqarrija li ta lill-pulizija għaliex ma kienx assistit minn avukat. Eċċezzjoni li ntlaqgħet mill-Qorti Kriminali. Sentenza li ġiet konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali li qalet li kienet ser timxi skont id-direzzjoni li kienet qiegħda tingħata mill-Qorti Kostituzzjonali li stqarrija ta' imputat li ma jkunx assistit minn avukat, titneħħa mill-atti tal-proċess kriminali. B'hekk ma jkunx hemm il-periklu li jkun hemm xi difett proċedurali fil-proċess li jkun jilledi l-jedd tal-akkużat għal smigħ xieraq.

32. L-attur jikkontesta r-raġunament tal-Ewwel Qorti għaliex isostni li bih ser ikollu jixhed meta għandu favur tiegħu d-dritt tas-silenzju. F'dan ir-rigward għamel referenza għall-Artikoli 39(10) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 366E tal-Kodiċi Kriminali. L-attur argumenta:

> *"3.2.4 Illi iżda minkejja dan kollu, konsegwenza tas-sentenza tal-ewwel Onorabbli Qorti dan qiegħed jiġi kostrett jixhed u jesebixxi prova fil-proċeduri kriminali kontrih, u fl-istess waqt jesponi ruħu għall-kontroeżami u dana bi ksur eggreġju tad-dritt tiegħu li jibqa' sieket u tad-dritt għall-protezzjoni milli jinkrimina lilu nnifsu"*.

33. F'dan il-każ l-attur irid iressaq l-istqarrija bħala prova minkejja li oriġinarjament kien qiegħed jopponi li tkun prova fil-proċess kriminali. Evidenti għalhekk li l-attur bidel l-istrateġija tad-difiża tiegħu. L-attur spiċċa fil-pożizzjoni li jinsab fiha llum minħabba li kien oġġezzjona dwar l-ammissibbiltà tal-istqarrija bħala prova, u żamm ferm ma' dik l-oġġezzjoni kemm quddiem il-Qorti Kriminali u l-Qorti tal-Appell Kriminali. Għalkemm l-attur xehed, *"l-istqarrija rridha tkun fil-proċess għax jiena inħoss li hemm biżżejjed provi favur tiegħi. <u>Qatt ma ridtha titneħħa</u>"* (fol. 333), l-atti tal-proċeduri kriminali juru mod ieħor sakemm ingħatat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali.

34. Fid-digriet tal-11 ta' Novembru 2022 (fol. 9) il-Qorti Kriminali qalet:

> *"Stante li l-meritu tar-rikors ġa eżawrit permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri.*
>
> *Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu stante li dan l-att illum ma jistx jiġi sfilzat u lanqas ma jista' jkun hemm rinunzja għall-eċċezzjoni stante li ġa ġiet trattata u deċiża"*.

35. Hu fatt li dwar l-eċċezzjoni li kien ta l-attur stess, hemm *res judicata*. Kuntrarjament għal dak li qalet l-Ewwel Qorti iżda m'hemm l-ebda sentenza li biha ġie ddikjarat li l-użu tal-istqarrija fil-proċess kriminali tilledi l-jedd tal-attur għal smigħ xieraq. F'dan ir-rigward:

> "i. Il-Qorti Kriminali qalet: *"Din il-Qorti filwaqt li bl-ebda mod ma hija tiddikjara li l-istqarrija rilaxxata mill-akkuzat hija leżiva tad-drittijiet tal-akkuzat, in vista tal-fatt li l-Qrati għadhom sal-lum il-ġurnata jagħtu direzzjonijiet differenti dwar stqarrija li ġiet meħuda fl-assenza ta' Avukat jew Prokuratur Legali, fl-interess tal-ġustizzja u l-integrità tal-proċess, din l-istqarrija, kif ukoll kull referenza għaliha, għandhom jiġu ddikjarati Inammissibbli"*.
>
> ii. Il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet: *"Illi l-Qorti Kostituzzjonali stess fil-pronunzjamenti kollha minnha magħmula stqarret ċar u tond illi kien prematur f'dan l-istadju tal-proċeduri tiddikjara illi kienet seħħet xi leżjoni, billi l-proċess ġudizzjarju fl-intier tiegħu kien għadu ma ġiex konkluż, iżda jidher illi bħala rimedju prekawzjonarju minħabba f'leżjoni potenzjali, dik il-Qorti qiegħda ripetutament tagħti d-direzzjoni lil Qorti Kriminali sabiex tisfilza l-prova tal-istqarrija. Illi għalkemm, kif ingħad, l-imsemmija prova mhijiex nieqsa mill-valur probatorju tagħha ġaladarba ma hemm ebda regola ta' dritt penali li qed teskludi l-ammissjoni tal-istess, u ġaladarba ukoll il-proċess ġudizzjarju fl-intier tiegħu għadu ma seħħx, biex b'hekk lanqas jista' jiġi stabbilit f'dan l-istadju bikri jekk kienx hemm xi vjolazzjoni tal-persuna akkużata tad-drittijiet kostituzzjonali tagħha, madanakollu l-Qorti ma tistax ma timxix mad-direzzjoni li qed tingħata mill-Qorti Kostituzzjonali billi jidher li din hija waħda kostanti, għalkemm kif ingħad il-proċess ġudizzjarju għadu ma wasalx fit-tmiem tiegħu"*.

36. Il-Qorti mhijiex tal-fehma li meta l-Qorti Kriminali ċaħdet it-talba tal-attur sabiex tordna li l-istqarrija terġa' tiddaħħal lura fil-proċess, kisret il-jedd għal smigħ xieraq. L-argument tal-attur li *"3.2.7..... L-appellant iqis huwa l-isfilz u mhux ir-rinseriment tal-istqarrija, li qiegħed jilledilu d-drittijiet fundamentali tiegħu"*, hu bla bażi. Wara kollox kien l-attur li oppona għall-użu ta' dik il-prova u ngħata raġun, u baqa' jżomm ferm ma'

dik il-pożizzjoni wkoll quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Kien biss wara li ngħatat is-sentenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali li għarraf lill-Qorti li ried li l-istqarrija terġa' tiddaħħal fl-atti. Dan wara li għażel li ma jibqax assistit mill-avukat li hu stess kien għażel. Jekk bejn l-attur u d-difensur li għażel hu stess biex jiddefendih, kien hemm xi diżgwid fil-linja ta' difiża quddiem il-Qorti Kriminali, dik hi materja li l-Istat ma jista' qatt iwieġeb għaliha. Kieku ried l-attur seta' jfittex is-servizz ta' avukat ieħor qabel ingħataw is-sentenzi mill-Qorti Kriminali u l-Qorti tal-Appell Kriminali.

37. Madankollu, fil-fehma ta' din il-Qorti dawk is-sentenzi mhumiex ta' ostaklu għall-attur li jagħmel użu mill-istqarrija li ta lill-pulizija ġaladarba wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali għażel minn jeddu li jirtira l-oġġezzjoni. Hu evidenti li l-attur irrinunzja għall-effetti ta' dawk is-sentenzi, u qiegħed jinsisti li l-istqarrija tiegħu tkun prova fil-ġuri li għad irid isir. Għalhekk, m'għandux ikun hemm ostaklu għall-attur li jippreżenta l-istqarrija bħala prova fid-difiża tiegħu u wkoll jagħmel domandi dwarha lill-uffiċjali tal-pulizija li interrogawh. Sabiex jagħmel hekk m'għandux bżonn il-permess tal-Qorti Kriminali. Lanqas m'għandu bżonn jixhed, u b'hekk jibqa' wkoll intatt il-jedd fundamentali tal-akkużat li mhuwiex obbligat li jixhed.

**<u>Deċiżjoni</u>**.

Għal dawn il-motivi tiddeċiedi l-appell tal-attur billi:

1. Tvarja s-sentenza appellata fis-sens li tħassar dik il-parti li laqgħet it-tieni eċċezzjoni fir-rigward tat-tieni u tielet talbiet u ddikjarat li huma intempestivi, u minflok tiċħad l-istess eċċezzjoni.

2. Tiċħad it-tieni u tielet talbiet.

3. Tikkonferma l-kumplament tas-sentenza appellata.

Peress li l-Qorti fehmet li fl-appell l-attur kien assistit mill-avukat tal-għajnuna legali, l-ispejjeż tal-appell jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Tordna lir-Reġistratur sabiex jibgħat kopja legali ta' din is-sentenza lill-Qorti Kriminali li quddiemha hemm pendenti l-att ta' akkuża fl-ismijiet <u>ir-Repubblika ta' Malta v. Andrew Mangion</u>.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo | Anthony Ellul | Christian Falzon Scerri |
| Aġent President | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
da